**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 7 ta' Lulju 2022**

**<u>Rikors nru: 111/2022 AGV;</u>**

**JOS. sive JA**

**-vs-**

**CAR. sive C A**

Il-Qorti ;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti ghal Waqfien komunjoni tal-akkwisti;

1. Illi permezz ta' dar-rikors guramentat fl-ismijiet premessi, l-esponenti talbet fost affarijiet ohrajn li tigi dikjarata is-seperazzjoni personali bejnha u l-intimat zewgha, u sabiex jigi ordnat ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akwisti ezistenti bejn il-partijiet tigi likwidata l-istess u tinqasam bejn il-partijiet, hekk kif mitlub fir-rikors guramentat promutur;
2. Illi l-esponenti tahdem bazi part time filwaqt l l-intimat hwua pensjonant ghandu l-pensjoni kontributorja tieghu. B'hekk iz-zewg kontendeti ghandhom introjtu separat.
3. Lli inoltre illum il-gurnata, il-kontendenti ilhom jghixu separatament kwazi sena, b' dan li l-esponenti u bintha li ghadha qed tistudja kellhom jitlqu mid-dar matrimonjali minhabba atti ta' vjolenza, fizika u psikologika, da parti tal-intimat , sija fuq l-esponenti anka fuq binthom. Kien ghalhekk li l-esponenti u bintha sabu rifugju ghand bint l-kontendenti l-ohra, li hija mizzewwga bil-familja taghha, Da parti tieghu l-intimat baqa' jghix fid-dar matrimonjali, u assolutament ma jridx jasal fi ftheim dwar is-seperazzjoni li tikkonsisti principalment fuq l-qsim tal-komunjoni.
4. Illi la darba l-kontendenti qed jghixu separatament hemm lok li jinhareg ordni tal- waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet;
5. Illi s-segwenti huma l-insenjament ta' dil-Onorabbli Qorti, fir-rigward tat-talbiet ghal-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ;

*''Din il-Qorti uriet fil-fehma li huma propju fl-ambitu u fl-iskiop tal-Ligi illi meta l-hajja mizzewwga tal-partijiet, tispicca, konjugi ma jibqax igawdi il-frott tal-hidma tal-konjugi l-iehor. Huwa dal-iskop jew wiehed mil-iskopjijiet, ghall-waqfien tal-komunjoni fi stadju bikri tal-proceduri tal-firma , ghaliex jista' ikun ta' pregduizzju ghal konjugi wiehed jew il-komunjoni tal-akkkwisti tibqa' vigenti , u l-konjugi l-iejor jibqa jgawdi l-frott tal-hidma tal-ewwel konjugi, minkejja li l-hajja matrimonjali bejniethom tkun spiccat '.*

Galdaqstant fl-isfond tas-suespost, ai termini tal-aritkolu 55 (1) tal-Kodici Civili Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, prevja kull dikjarazzjoni fil-Ligi, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, u tawtorizza lill-esponenti tinnotifika lid-Direttur Registru Pubbliku b'tali ordni ta' waqfien tal-komunjoni.

Rat illi l-konvenut intimat, debitament notifikat, ma ppresentax risposta entro t-terminu, ghalkemm fir-risposta guramentata huwa indika li m'ghandux oggezzjoni ghax-xoljiment tal-komunjoni, b'dan pero' illi tali qsim mhux necessarjament isir nofs bin-nofs.

**IKKUNSIDRAT;**

Illi t-talba tal-attrici hija semplicement ghall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, liema waqfien mhuwiex xoljiment jew likwidazzjoni tal-istess komunjoni, izda biss waqfien. Dan ifisser illi, mid-data tas-sentenza 'l quddiem, il-komunjoni tal-akkwisti ma tibqax vigenti bejn il-partijiet, u ghalhekk kull parti tista' tixtri proprjeta' f'isimha minghajr ma din tidhol tifforma parti mill-komunjoni. Inoltre, dik il-proprjeta' li, sad-data tas-sentenza, kienet tifforma parti mill-komunjoni, tibqa' hekk tifforma parti minnha sa ma tigi likwidata mas-sentenza finali. Ghalhekk, fi ftit kliem, l-ordni ta' waqfien tal-komunjoni hija wahda dikjaratorja li ma taffettwa bl-ebda mod dak li kien jifforma parti mill-komunjoni, ghax jibqa' jifforma parti minnu. Tali ordni tawtorizza lill-partijiet jixtru proprjeta' f'isimhom.

Peress illi l-konvenut intimat naqas milli jippresenta risposta entro t-terminu ghal din it-talba, il-Qorti tqis li ma hemmx opposizzjoni ghall-istess. Ghaldaqstant it-talba sejra tintlaqa'.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti:

Tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti.

Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti.
Tawtorizza lill-esponenti tinnotifika lid-Direttur Registru Pubbliku b'tali ordni ta' waqfien tal-komunjoni.

Spejjez jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.

**Imhallef**

**Onor Anthony Vella** **Cettina Gauci- Dep Reg**